TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

John Micallef

Vs

Alan Borg – Eurotex Enterprises

CCT 2/21/MM

Illum, 20 ta' Ġunju 2023

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti ppreżentat fil-15 ta' Jannar 2021 fejn talab is-somma ta' Euro 3,500 rapprezentanti rifuzjoni ta' Euro 175 valur tas-saqqu, 'general costs' u 'health compensation'.

Ra r-risposta tal-intimata ppreżentata nhar il-5 ta' Frar 2021, fejn irribattiet ghat-talbiet attrici fosthom li l-allegazzjoni li r-rikorrenti sab is-saqqu mhux komdu ma jirrendiex il-prodott difettuz fost ohrajn.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-proċess.

Sema' x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti xtara saqqu minghand l-intimat fejn jilmenta li dan ma kienx isegwi s-safety regulations tal-prodott u li ma kienux konformi mal-istandards internazzjonali. Huwa jishaq li s-saqqu kien 'made in China' u c-certifikazzjoni ma kienetx tidentifika l-frazi 'Rest Time' bhala ditta. Ir-rikorrenti jitlob Euro 3500 li huma kwantifikabbli bhala Euro 175 il-valur tas-saqqu, Euro 11 registered mail, Euro 3.50 trasport biex gie t-Tribunal, prezentata tar-registru Euro 28.50 u l-kumplament kumpens ta' 'pain and sleep deprivation'.

Xehed l-intimat fejn sahaq li huwa qatt ma heba l-manifattur Ciniz minn Healthcare Co. Ltd u biddlu ghal Rest Time skont il-magazine promozzjonali.

Xehed ukoll James Spiteri bhala Senior Engineer fi hdan l-MCCAA fejn pprezenta t-testijiet kimici mill-investigazzjoni tieghu. Huwa jikkonferma li din l-investigazzjoni ghamilha b'mod indipendenti u imparzjali u jikkonferma l-awtenticita u c-certifikazzjoni tas-saqqu. Huwa jichad l-allegazzjoni tar-rikorrenti li s-saqqu mhux 'fit for purpose'.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jinnota li fuq talba tar-rikkorenti nnifsu tqabbad l-espert tekniku James Spiteri, Senior Engineer mill-Market Surveillance Directorate fi hdan it-Technical Regulations Division tal-MCCAA, li kellu kull opportunita' janalizza d-dokumentazzjoni u c-certifikazzjoni tas-saqqu in kwistjoni fejn irrizultalu li mill-investigazzjoni tieghu, u mid-dokumenti provduti ma sabx nuqqas ta' konformita' mal-legislazzjoni applikabbli. Illi r-rikkorenti prevalixxa r-ruhu mid-dritt tal-kontro ezami tal-espert li baqa sod mal-opinjoni professjonali tieghu.

Illi t-Tribunal iqis li r-rikorrenti ma ssostanzja bl-ebda mod l-allegazzjonijiet tieghu fosthom il-'fitness for use' permezz ta' esperti *ex parte* jew b'xi mod iehor u strah biss fuq il-konvenzjoni personali tieghu li t-Tribunal ma jqisx li ghandha mis-sewwa u ghalhekk ser jghaddi biex jiddeciedi li r-rikorrenti m'huwiex intitolat ghar-rifuzjoni tas-saqqu in kwistjoni ghaliex ma jirrizultax li l-konvenut naqas mill-obbligi tieghu.

Ghar-rigward tat-talba ghall-kumpens ta' 'pain and sleep deprivation' it-Tribunal minkejja li strettament m'ghandux ghalfejn iqis id-danni allegatament soffruti stante li ser jghaddi biex jichad it-talba tar-rikorrenti fuq il-mertu, pero' ma jistax ma jinnotax li r-rikorrenti ma ressaqx imqar xrara ta' prova dwar l-ammont rimanenti wara d-diduzzjoni tal-valur tas-saqqu u l-ispejjez allegatament taht il-kappa ta' 'pain and sleep deprivation'.

Għal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra tieghu.

Martha Mifsud LL.D.

Arbitru